

31994D0069

L 33/11

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

7.2.1994

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL**tal-15 ta' Diċembru 1993****dwar il-konklużjoni tal-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar il-Kambjamenti tal-Klima**

(94/69/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jstabbilixxi il-Komunitajiet Ewropej, u b'mod partikolari l-Artikolu 130s (1) flimkien ma' l-Artikolu 228(3), l-ewwel subparagrafu tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni ⁽¹⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew ⁽²⁾,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku Soċjali ⁽³⁾,

Billi l-Komunità u l-Istati Membri tagħha ipparteċipaw fin-negozjati mmexija mill-Kumitat tan-Negozjati Intergovernattiv kif stabbilit mill-Assemblea Ġenerali tan-Ġnus Magħquda għall-preparazzjoni ta' Konvenzjoni Qafas dwar il-Kambjamenti fil-Klima ⁽⁴⁾;

Billi, waqt il-Konferenza tal-Ġnus Magħquda dwar l-Ambjent u l-Iżvilupp f'Rio de Janeiro mit-3 sa l-14 ta' Ġunju 1992, il-Konvenzjoni Qafas tal-Ġnus Magħquda dwar il-Kambjamenti fil-Klima kienet iffirmata mill-Komunità u l-Istati Membri kollha;

Billi l-għan aħħari tal-Konvenzjoni, kif espress fl-Artikolu 2 tagħha, huwa li jinkiseb, skond id-dispożizzjonijiet relevanati tal-Konvenzjoni, l-istabbilizzazzjoni tal-konċentrazzjoni ta' gassijiet li jgħolqu l-effett serra fl-atmosfera, f'livell li jipprevjeni interferenzi antropoġeniċi perikolużi mas-sistema klimatika, f'qafas ta' żmien suffiċjenti biex l-ekosistema titħalla tadatta ruħha b'mod naturali għall-kambjamenti fil-klima, biex jiġi aċċertat li l-produzzjoni ta' l-ikel ma tkunx f'periklu u biex l-iżvilupp ekonomiku jkun jista' jimxi b'mod sostenibbli;

Billi l-Konvenzjoni, meta tiġi ratifikata, għandha torbot lill-pajjiżi żviluppanti u l-partijiet kollha msemmija fl-Anness I għall-Konvenzjoni biex tiegħu miżuri biex tillimita emissjonijiet antropoġeniċi ta' CO₂ u gassijiet oħra li jikkawżaw l-effett serra mhux kontrollati mill-Protokoll ta' Montreal, bil-għan li jiġu

rirpristinati, individwalment jew b'mod konġunt għall-livelli ta' emissjonijiet antropoġeniċi tal-1990 sa l-aħħar ta'dan id-deċennju;

Billi, meta il-Konvenzjoni kienet qed tiġi ffirmata, il-Komunità u l-Istati Membri sostnew mill-ġdid l-għan ta' l-istabbilizzazzjoni ta' l-emissjonijiet ta' CO₂ għall-livelli ta' l-1990 fil-Komunità kollha, kif imsemmi fil-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Ottubru 1990, 13 ta' Diċembru 1991, 5 u 26 ta' Mejju 1992;

Billi l-Konvenzjoni, skond l-Artikolu 22, hija miftuħa għar-ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni mill-Istati u minn organizzazzjonijiet reġjonali ta' integrazzjoni ekonomika li ffirmawh;

Billi għandha tittieħed azzjoni preventiva kontra l-kambjamenti klimatiċi antropoġeniċi kemm fuq livell internazzjonali kif ukoll fuq livell nazzjonali;

Billi il-Komunità u l-Istati Membri tagħha għandhom kompetenzi f'ċerti mis-setturi mħarsa mill-Konvenzjoni; billi huwa neċessarju li l-Komunità u l-Istati Membri tagħha jsiru Partijiet Kontraenti sabiex jaderixxu b'mod sħiħ għall-obligazzjonijiet kollha koperti mil-Konvenzjoni;

Billi r-rabta li tillimita l-emissjonijiet antropoġeniċi ta' CO₂ kif stabbilita fl-Artikolu 4(2) tal-Konvenzjoni sa jiġu mwettqa mill-Komunità kollha, permezz ta' azzjonijiet mill-Komunità u l-Istati Membri tagħha, skond il-kompetenzi rispettivi ta' kull wiehied minnhom;

Billi l-Komunità tiegħu nota li l-Istati Membri sa jieħdu l-miżuri neċessarji biex mill-aktar fis, u sa kemm huwa b'mod simultanju, id-depożitu ta' strumenti ta' ratifika jew approvazzjoni ta' l-Istati Membri u l-Komunità,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Konvenzjoni Qafas tal-Ġnus Magħquda dwar il-Kambjamenti fil-Klima ffirmata f'Ġunju tal-1992 f'Rio de Janeiro qegħda permezz ta' din id-Deċiżjoni tiġi approvata f'isem il-Komunità Ewropea.

It-test tal-Konvenzjoni ta' din id-Deċiżjoni jidher fl-Anness A.

⁽¹⁾ ĠU C 44, tas-16.2.1993, p. 1.

⁽²⁾ ĠU C 194, tad-19.7.1993, p. 358.

⁽³⁾ ĠU C 201, tas-26.7.1993, p. 1.

⁽⁴⁾ Ir-Riżoluzzjoni 45/212 ta' l-Assemblea Ġenerali tal-Ġnus Magħquda tad-19 ta' Diċembru 1990 fuq il-protezzjoni tal-Klima globali għall-ġenerazzjonijiet futuri

Artikolu 2

1. F'isem il-Komunità Ewropea, il-President tal-Kunsill għandu jiddeposita l-istrument ta' l-approvazzjoni mas-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda skond l-Artikolu 22 OJ No C 44, tas-16.2.1993, p. 1.(1) tal-Konvenzjoni.

2. Fl-istess ħin, il-President tal-Kunsill għandu jiddepożita d-dikjarazzjoni ta' kompetenza kif stabbilit fl-Anness B, skond

id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 22 No C 194, tad-19.7.1993, p. 358. tal-Konvenzjoni, kif ukoll id-Dikjarazzjoni stabbilita fl-Anness Ċ.

Magħmula fi Brussel, fil-15 ta' Diċembru 1993.

F'isem il-Kunsill

Il-President

M. DE GALAN